MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1127/2004

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri 1245, KLN0510, 0807, 0727 u Rausi Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Joseph Zammit u Anthony Sant**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta Mejju 2004 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta tmien mija wiehed u erbghin lira hdax il-centezmu (Lm841.11) rapprezentanti danni sofferti fil-vettura numru KAR 779 proprjeta ta Joseph Karl Aquilina f'incident stradali li sehh fit-22 ta Frar 2004 meta l-konvenut Anthony Sant habat go fiha waqt li kien qed isuq il-vettura numru DBY 317 ghal liema ncident il-konevnut Sant kien unikament responsabbli filwaqt li l-konvenut Joseph Zammit qed jigu wkoll mharrek in vista

tal-fatt li l-assikurazzjoni tieghu qed tallega li s-sewwieq konvenut Sant ma kienx kopert bil-polza relattiva ta assikurazzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Zammit prezentata fil-11 ta Marzu 2005 fejn bazikament talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-vettura involuta fl-incident ma kinietx registrata fuq ismu fid-data in kwistjoni u inoltre ma kinietx qed tinstaq minnu u kwindi ma jista qatt jigi tenut responsabbli ghal habta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il- konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati legalment il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv dak li ser jintqal hawn taht,

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz ir-risposta tal-konvenut Joseph Zammit u t-talba tas-socjeta attrici kif dedotta kontra l-istess Joseph Zammit.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jillibera lill-konvenut Joseph Zammit mill-osservanza tal-gudizzju u kwindi jakkolji l-eccezzjonijiet sollevati minnu stante li l-istess eccezzjonijiet huma fil-fatt rikonoxxuti bhala gusti u ekwi mill-istess socjetajiet attrici bil-mod kif intavoltaw it-talba fil-konfront tieghu u dana nonostante s-sejha tieghu in subizzjoni, fl-istess hin jilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor Anthony Sant u konsegwentement ghalhekk jikkundannah ihallas lis-socjetajiet attrici s-somma mitluba ta tmien mija u wiehed u erbghin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm841.11) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu wkoll sopportati mill-istess konvenut Anthony Sant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------